8 Diċembru 2004

**Punti mid-diskors tal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Dr Tonio Borg fl-okkażjoni tal-ħames anniversarju mit-twaqqif tas-Sistema ta' l-Infurzar Lokali.**

Sinjuri,

L-ewwel nett nixtieq nirringrazzjakom li għall-istedina tagħkom il-lejla biex flimkien niċċelebraw il-ħames sena mit-twaqqif tas-Sistema ta' l-Infurzar Lokali. Ħames snin ilu, din is-sistema kienet deskritta bħala metodu rivoluzzjonarju ta' kif inħarsu l-liġijiet fil-lokalitajiet. L-infurzar lokali kompla jiżviluppa f'dawn l-aħħar ħames snin biex għall-ewwel darba iddaħlet dixxiplina kommunitarja f'pajjiżna.

Għall-ewwel l-enfasi fuq l-infurzar kien fuq l-abbuż mir-regolamenti tat-traffku, li imbagħad ġie estiż għall-abbużi mill-liġi ta' l-indafa pubblika kif ukoll infurzar ta' *bye-laws* tal-Kunsilli Lokali.

Nista' ngħid li kienet esperjenza utli ħafna u kulħadd tgħallem minnha, kemm il-Kunsilli, il-Gwardjani nfushom u kemm il-pubbliku li illum qed josserva l-liġi b'iktar attenzjoni, mhux biss minħabba l-biża' li jaqla ċitazzjoni, imma wkoll biex jirrispetta lilu nnifsu u lil ħaddieħor.

Il-gwardjani mhux qegħdin hemm biex jissorveljaw it-traffiku fil-lokalitajiet u jagħtu ċ-ċitazzjonijiet biss. Fil-fatt, minn Jannar tas-sena d-dieħla il-gwardjani se jieħdu f'idejhom delega oħra importanti – dik ta' l-offiżi ambjentali. Delega oħra hija dik ta' l-irmunkar u l-ikkampjar (*towing* u *clamping)* li se tgħaddi f'idejn il-Gwardjani Lokali fi Frar tas-sena li ġejja. Pass ieħor importanti fl-iżvilupp ta' infurzar huwa l-introduzzjoni, s-sena id-dieħla tal-Green Wardens li ser ikunu responsabbli mill-infurzar tal-liġijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent.

Żvilupp interessanti fl-aħħar ħames snin kien meta l-gwardjani ħadu d-delega li jirrappurtaw u jieħu l-*isketches* ta' inċidenti tat-traffiku. Permezz tat-taħriġ li ħadu u mgħejjuna minn sistemi teknoloġiċi mill-aktar moderni, mill-1 ta' Marzu sal-llum, il-gwardjani ħadu ħsieb 11,000 inċident stradali. Bla dubju dan juri s-servizz fejjiedi li qed jagħtu l-gwardjani fit-toroq tagħna. Dan hu volum ta' xogħol qawwi li gie ffrankat lill-Pulizija li b'hekk jistgħu jikkonċentraw aktar fuq ix-xogħol proprju tagħhom – dak tal-ġlieda kontra l-kriminalità u l-infurzar tal-liġi.

Dan kollu juri li Gwardjan Lokali jista' jagħmel karriera minn dan ix-xogħol, karriera li tista' tagħtih ħafna sodisfazzjon. Bħalissa hemm *complement* ta' 130 gwardjan u ħadt pjaċir meta ġejt infurmat li mill-gwardjani li ġew assunti, ftit kienu dawk li telqu minn dan l-impjieg. Anzi dawk il-ftit li telqu, għamlu dan għax riedu jkomplu l-karriera tagħhom f'korp ieħor dixxiplinaat jew bħala Pulizija, bħala uffiċjali korrettivi, suldati jew uffiċjali tal-Protezzjoni Civili.

Punt importanti li jagħmel gwardjan tajjeb huwa t-taħriġ li jirċievi. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ kif ukoll lill-*Guard and Warden Service House* tat-taħriġ kontinwu li jagħtu lill-gwardjani lokali dwar kif għandhom iġibu ruhhom mal-pubbliku, dwar id-dehra u l-preżenza tagħhom fit-toroq u dwar kif jgħinu lil kulħadd jagħmel id-differenza – l-iskop oriġinali li għalih twaqqfet is-sistema ta' l-infurzar lokali. Nixtieq ukoll nikkumplimenta li kull min kellu x'jaqsam ma' l-uniformi l-ġdida li tat dehra aħjar u iktar friska lil dawn il-gwardjani.

Qabel ma nagħlaq nixtieq nirringrazzja li xi nies li mhux dejjem jidhru, imma li l-kontribut tagħhom huwa vitali biex din is-sistema timxi b'mod effiċjenti. Nirringrazzja lill-Kummissarji tal-Ġustizzja, lill-Uffiċjali Awtoriżżati, lill-Prosekuturi u lil kull min jaħdem fit-Tribunali Lokali.

Nixtieq nirringrazzja lill-memebri tal-kumitat tal-managment ta' l-LES ippresedut minn Dr Ian Micallef, li jiltaqa' regolarment biex jiddiskuti d-diversi materji li huma marbuta ma' din is-sistema. Nirrignrazzja wkoll lill-Guard and Warden Service House u l-Isterling Security tat-taħriġ li jagħtu lill-gwadjani u tax-xogħol tagħhom biex jaqdu mill-aħjar li jistgħu l-esigenzi tal-Kunsilli Lokali. Nixtieq ukoll inrodd ħajr lid-Datatrak li jieħu ħsieb in-naħa teknika ta' dan il-proġett.

Nirringrazzja wkoll lill-membri tal-korp tal-Pulizija li jikkoperaw mill-qrib mal-gwardjani fid-diversi oqsma fejn l-interssi taż-żewg korpi jikkonvergu. Nixtieq fl-aħħar u mhux l-anqas nirringrazzja lill-Kunsilli Lokali nfushom li fehmu l-utilità ta' din is-sistema u qed jieħdu sehem fiha mhux biss għax hija sors ta' dħul finanzjarju lukrattiv, imma għax toffri benefiċċji kbar lil-lokalità u lir-residenti rispettivi.

Mill-ġdid, ġrazzi u awguri.